

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006
dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiki u denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agri-
koli u l-oġġetti ta' l-ikel**

(2007/C 160/08)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regola-
ment tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (*). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi
żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“MARRONE DI ROCCADASPIDE”

Nru tal-KE.: IT/PGI/005/0447/3.1.2005

DPO () IĠP (X)

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. *Dipartiment responsabli fl-Istat Membru:*

Isem: Ministero delle Politiche agricole e forestali
Indirizz: Via XX Settembre, 20
I-00187 Roma
Tel.: (39) 06 481 99 68
Feks: (39) 06 42 01 31 26
Posta elettronika: qtc3@politicheagricole.it

2. *Grupp:*

Isem: Cooperativa Agricola «Il Marrone» A r.l.
Indirizz: Via Gaetano Giuliani, 28
Rocccadaspide (SA) (Italia)
Tel.: (39) 082 894 74 96
Feks: (39) 082 894 83 24
Posta elettronika: coop.ilmarrone@tiscali.it
Kompożizzjoni: Produtturi/proċessuri (X) oħrajn ()

3. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6 — Frott, ħaxix u ċereali fl-istat naturali jew ipproċessati ta' l-Anness 1 — Qastan

4. *Speċifikazzjoni:*

(sinteżi tar-rekwiżiti permezz ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem: “Marrone di Rocccadaspide”

(*) ĠUL 93, 31.3.2006, p. 12..

- 4.2. Deskrizzjoni: Il-“Marrone ta' Roccadaspide” I.Ġ.P. tfisser il-frotta miksuba mill-ekotipi Anserta, Abate u Castagna Rossa tal-varjetà tal-“Marrone” [Qastan]. Waqt l-introduzzjoni għall-konsum, fl-istat frisk, għandu jkollu dawn il-karatteristiċi li ġejjin: għamla tal-frotta: tendenzjalment semisferika, kultant f'it ellissojgħali; perikarpu: lewn il-qastan skur, tendenzjalment jagħti fl-aħmar, bi striji skuri li ġeneralment bilkemm jiġu nnutati; episperma: irqiqa, bilkemm imdeffsa fiż-żerriegħa, tendenzjalment aderenti; daqs: mhux aktar minn 85 frotta kull kilo prodott magħżul u/jew imkejjel; żerriegħa: bajda lewn il-ħalib, b'polpa konsistenti, toġhma ħelwa, stabbilita għal mhux aktar minn 5 %. Meta kkummerċjalizzata b'ħala mnixxa (bil-qoxra jew mingħajrha), għandu jkollha dawn il-karatteristiċi: (a) qastan imnixxef bil-qoxra: umdità fil-frotta sħiħa: mhux aktar minn 15 %; il-prodott għandu jkun ħieles minn kull tniġġisa attiva ta' kull sura (larvi ta' insetti, moffa, eċċ.); ġabriet tal-prodott imnixxef bil-qoxra: mhux aktar minn 50 % f'piż. (b) qastan imnixxef mingħajr qoxra: għandu jkun b'saħħtu, ta' lewn bajdani lelluxi u b'mhux aktar minn 20 % difetti (traċċi ta' dud, deformazzjonijiet, eċċ.).

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta “Marrone di Roccadaspide” hija kkaratterizzata minn toġhma ħelwa qawwija u kontenut għoli ta' zokkor. Fost l-aspetti organolettiċi l-oħra, hemm it-*texture* li jqarmez u f'it dqiqi.

Il-karatteristiċi organolettiċi huma vverifikati minn bord ta' uffiċjali inkarigati li jduqu l-prodott maħtur mill-organu ta' spezzjoni.

- 4.3. Żona ġeografika: Iż-żona ta' produzzjoni ta' l-I.Ġ.P. “Marrone di Roccadaspide” tinkludi t-territorju li jinsab 'il fuq minn 250 metru mil-livell tal-baħar tal-komuni tal-provinċja ta' Salerno, identifikati *fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott*.
- 4.4. Prova ta' l-oriġini: Il-fażijiet kollha tal-proċess ta' produzzjoni għandhom ikunu mmonitorjati billi jiġi ddokumentat *l-input* (il-prodotti li jidħlu) u *l-output* (il-prodotti li joħorġu). B'dan il-mod u permezz ta' tniżżil fl-istat speċifiċi, ġestiti mill-organu ta' spezzjoni, tal-produtturi, ta' l-artijiet katastali li fuqhom jsir it-*tkabbir* u tal-*pakkettaturi*, tiġi garantita t-traċċabbiltà tal-prodott tul il-katina kollha tal-*produzzjoni*. Il-persuni kollha, fiżiċi jew ġuridiċi, imniżżla fil-listi relatati, se jkunu suġġetti għall-kontroll mill-organu ta' spezzjoni, skond kif previst mill-ispeċifikazzjoni tal-*produzzjoni* u tal-*pjan* ta' kontroll relatat. F'każ li l-organu ta' spezzjoni jsib nuqqas ta' konformità, anki jekk f'waħda mill-fażijiet tal-katina tal-*produzzjoni*, il-prodott ma jkunx jista' jiġi kkummerċjalizzat bl-indikazzjoni ġeografika protetta “Marrone di Roccadaspide”.
- 4.5. Metodu ta' produzzjoni: Fost affarijiet oħra, l-ispeċifikazzjoni tippredvi li d-densità kull ettaru ma tkunx aktar minn 130 xitla fil-fażi tal-*produzzjoni* sħiħa.

It-*tkabbir* isir bil-metodu tal-volum b'kontenitur semi-liberu. L-istruttura titqiegħed f'għoli ta' 200 ċm mill-art. Jintużaw ferġat bikrin mix-xhur tas-Sajf u tal-Ħarifa biex is-siġar jixxe bilku magħhom. Is-siġar jinżabru f'intervalli ta' mhux aktar minn ħames snin. Billi hija permeabbli ħafna, il-ħamrija ma teħtieġ xogħlijiet partikolari ta' l-ilma biex ikun evitat l-istaġnar ta' l-ilmijiet meteorici. Minħabba dan, il-ħamrija ma tinħadimx. Il-kisja ta' l-art bil-ħaxix għandha tinqata' meta tilħaq it-30-40 ċm.

Il-ħsad għandu jsir fil-Ħarifa sa l-ewwel għaxart ijiem ta' Novembru, b'perjodi ta' ħsad ta' mhux aktar minn ġimagħtejn; dan isir manwalment u b'magni tal-ħsad adatti biex jissalvagwardaw l-integrità tal-*prodott*.

Il-fażijiet kollha tal-*produzzjoni* u ta' l-*ipproċessar* tal-*prodott*, għajr l-*ippakkjar*, isiru fit-territorju tal-komuni mniżżla fl-Artikolu 4 u dan jiġgarantixxi t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-*prodott*.

- 4.6. Rabta: L-artijiet taċ-Cilento għandhom il-kundizzjonijiet favorevoli għat-*tkabbir* tal-qastan billi huma ta' oriġini vulkanika, għandhom reazzjoni aċida jew newtrali (pH bejn 4.5 u 6.5), b'kontenut għoli ta' minerali, fondi u friski u la jżommu l-ilma u lanqas ma huma asfittici. It-temperatura medja annwali hija bejn + 8 °C u + 15 °C. L-ammont ta' xita li tinżel f'sena huwa aktar minn 600-800 mm. Għalhekk, iż-żona hija kkaratterizzata minn klima tipikament Mediterranja b'Xtiewi pjuttost defjin u Sjuf b'perjodi, aktarx twal, nixfin. F'dan l-ambjent, anki t-temperaturi kemmxejn baxxi jiffavorixxu produzzjoni qawwija ta' frott ta' l-*iprem* kwalità. Il-preżenza ta' ġonna bis-siġar tal-qastan imkabbra, fil-provinċja ta' Salerno hija ddokumentata mill-epoka Medjevali bis-saħħa ta' kuntratti qodma bejn bdiewa u sidien li nżammu fl-arkivju ta' l-Abbazija Benedittina ta' Cava de' Tirreni, il-magħruf “Codex diplomaticus cavensis”. Il-patrijiet Bażiljani wkoll taw il-kontribut tagħhom għat-tixird tat-*tkabbir* tal-qastan f'xi żoni taċ-Cilento. Barra minn hekk, l-istorja u t-teknika tat-*tkabbir* li għaddiet minn ġidd għal ġidd ippermettiet li anki l-preżenza tal-*bniedem* bil-kapaċitajiet tiegħu u x-xogħol sieber tiegħu tirrappreżenta rabta qawwija ħafna bejn dan il-*prodott* u l-*madwar* tiegħu. Sa mill-1800, il-qastan mhux biss irrappreżenta ikel indispensabbli għall-*popolazzjoni* lokali, iżda kellu rwol importanti fl-ekonomija lokali billi kien merkanzija għat-*tpartit* mal-*popolazzjoni* tal-*madwar*. Tul is-sekli, festi, kitbiet u riċetti komplew jorbtu l-qastan ma' dawn it-territorji. Għaldaqstant, għerf il-*bniedem* u l-karatteristiċi pedoklimatiċi kkombinati hekk tajjeb bejniethom jagħtu lill-*prodott* dawk il-karatteristiċi li jagħmluh uniku fix-xorta tiegħu u għanewh b'reputazzjoni indiskutibbli.

4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: ISMECERT
Indirizz: Centro Direzionale Isola G1
I-80143 Napoli
Tel.: (39) 081 787 97 89
Feks: (39) 081 604 01 76
Posta elettronika: info@ismecert.it

4.8. Tikkettar: Fuq il-pakketti jew fuq it-tikketti mwaħħla għandhom jitniżżlu, b'ittri kbar ċari u leġġibbli, ta' l-istess daqs, l-indikazzjonijiet: "Marrone di Roccadaspide" u wara: "Indicazione Geografica Protetta" (jew it-taqisira bit-Taljan I.G.P.); l-isem, isem l-azjenda u l-indirizz ta' l-azjenda ta' l-ippakkjar jew tal-produzzjoni; il-kwantità tal-prodott li effettivament fih il-pakkett, il-logo ta' l-I.Ġ.P. L-indikazzjonijiet kollha jistgħu jintwerew fuq it-tikketta b'ittri b'għoli u wisu' mhux aktar minn nofs dawk użati jew jindikaw l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta. Il-logo huwa magħmul minn żewġ ellissi, xbieha tal-qastan mmejla f'41,6 ° lejn il-lemin, u l-kliem "Marrone di Roccadaspide" b'warajhom l-indikazzjoni bit-Taljan *Indicazione Geografica Protetta*. Id-deskrizzjoni tal-logo tinsab fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Il-prodotti li għall-preparazzjoni tagħhom tintuża d-denominazzjoni "Marrone di Roccadaspide", anki wara l-proċess ta' pproċessar u ta' trattament, jistgħu jitqiegħdu għall-konsum f'pakketti b'referenza għad-denominazzjoni msemmija mingħajr ma jitwaħħal il-logo Komunitarju, bil-kundizzjoni li:

- il-prodott bid-denominazzjoni "Marrone di Roccadaspide", iċċertifikat bħala tali, jikkostitwixxi l-komponent esklussiv tal-kategorija tal-merkanzija kkonċernata;
- l-utenti tal-prodott bil-denominazzjoni protetta: huma awtorizzati minn dawk fil-pussess tad-dritt tal-proprietà intellettuali mogħti mir-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Marrone di Roccadaspide", li jiltaqgħu f'Konsorzju inkarigat għall-ħarsien mill-*Ministero delle Politiche Agricole e Forestali*: Dan l-istess Konsorzju inkarigat għandu jniżżilhom ukoll freġistri speċifiċi u se jissorvelja fuq l-użu korrett tad-denominazzjoni protetta: Fin-nuqqas ta' Konsorzju għall-ħarsien inkarigat, il-qadi tad-dmirijiet imsemmijin hawn fuq se jsir mill-*Ministero delle Politiche Agricole e Forestali*, billi huwa l-awtorità nazzjonali inkarigata mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

L-użu mhux esklussiv ta' qastan b'denominazzjoni "Marrone di Roccadaspide" jippermetti biss referenza għaliha, skond ir-regoli fis-seħħ, fost l-ingredjenti tal-prodott li fih ikun hemm l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta, jew li fih ġie pproċessat jew ittrattat.
